MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1647/1999/1

**John Mary Sammut**

**Vs**

**Emanuel Fenech**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fl-ewwel xhur tal-1997, l-attur kien ikkonsenja vettura tal-marka Suzuki Jeep numru tar-registrazzjoni A-8558 lill-konvenut fil-garaxx tieghu f’Hal Qormi u dan sabiex dan tal-ahhar ikun jista’ jaghmel xoghol ta’ *panel beating.*

U premess li l-konvenut kien esegwixxa l-imsemmi xoghol fuq l-istess vettura u debitament thallas mill-attur ta’

xoghol bl-intiza li dakinhar stess li thallas, il-konvenut kellu jikkonsenja l-istess vettura lil Albert Desira sabiex isir ix-xoghol ta' *spray*.

U premess li fil-21 ta' April, 1997, l-imsemmi garaxx tal-konvenut inqered minhabba incendju u fil-process inqerdet ukoll l-imsemmija vettura ghaliex il-konvenut kien ghadu ma kkonsenjax il-vettura lill-imsemmi Desira sabiex isir ix-xoghol ta' *spray*.

U premess li minhbba dan il-fatt, l-attur sofra danni rappresentanti l-valur ta' l-imsemmija vettura, liema vettura fiz-zmien li sar l-incendju kellha valur ta' Lm1,050.

U premess li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-attur fl-ammont ta' Lm1,050 u dan in vista tal-fatt li kieku kien pront u kkonsenja l-vettura lill-imsemmi Desira fil-hin, din ma kinitx tinqered bl-incendju.

Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjarah responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-attur fis-somma ta' Lm1,050 rappresentanti l-valur tal-vettura Suzuki Jeep numru A-8558;

2. tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' Lm1,050 in kwantu ghal danni kif fuq deskritti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Lulju, 1998, bl-imghax legali kalkolat mill-21 ta' April, 1997 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 17 tal-process fejn eccepixxa:

Illi l-esponenti bl-ebda mod m'hu responsabbli ghall-incident in kwistjoni u dan billi l-vettura in kwistjoni kienet gewwa l-garage tal-esponenti liema garage inzamm imsakkar u persuna/persuni mhux maghrufa zgassaw il-bieb tal-garage u kkawzaw l-incident in kwistjoni.

Illi f'kull kaz il-ftehim ma kienx kif qal l-attur. Il-ftehim kien li l-esponenti jzomm il-vettura gewwa l-garage in kwistjoni sakemm titlesta u li kien l-attur biss li seta' johrogha u jehodha ghand min kien ser jaghmel l-isprej.

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub huwa esagerat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**KONTESTAZZJONI**

Fil-kaz in ezami l-attur kien halla l-vettura tal-marka Suzuki Jeep Nru A 8558 ghand il-konvenut fil-garage tieghu f'Hal Qormi sabiex dan ikun jista' jaghmel xoghol ta' panel beating fuqha u kif jispicca minnha kellu issir xoghol ta' *spraying* ghand il-garage ta' hdejn il-konvenut. Il-konvenut lesta x-xoghol ta' *panel beating* u thallas mill-attur u l-vettura kellha tigi konsenjata lil Albert Desira ghall-*spraying*. Fil-21 ta' April, 1997 il-garage tal-konvenut inqered minhabba nar u fil-process inharqet u inqerdet il-vettura ta' l-attur flimkien ma zewg vetturi ohra li kienu fil-garage tal-konvenut. L-attur qed jitlob is-somma ta' Lm1,050 l-valur tal-vettura qabel l-incident.

Il-konvenut qed jeccepixxi li hu mhux responsabbli billi l-vettura kienet imsakkra gol-garage tieghu u persuna/persuni mhux maghrufa zgassaw il-bieb tal-garage u tawh in-nar. Il-konvenut isostni li l-attur kellu jiehu l-vettura ghand ta' l-ispray meta hu jlesti minn xogholu. Minghajr pregudizzju eccepixxa li l-valur reklamat huwa ezagerat.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA DRITT**

Is-sid ta' garage fejn isiru tiswijiet tal-karozzi, apparti mill-kuntratt ta' kiri ta' xoghol ghandu jitqies ukoll bhala depozitarju bl-obbligu li jikkostodixxi u jrodd il-karozza fl-istat li kienet tinsab - salv it-tiswijiet li jkun gie mitlub jaghmel fiha. Dan mhux depozitu gratwitu, u ghalhekk igib mieghu l-konsegwenzi previsti mill-ligi fl-artikolu 1900 tal Kodici Civili.

Id-depozitarju huwa obbligat juza fil-kustodja ta' l-oggetti depozitati ghandu l-istess diligenza li huwa juza fil-kustodja ta' hwejgu - Art. 1899 Kodici Civili. Dan il-principju huwa applikat b'akbar rigur meta d-depozitu huwa salarjat milli meta jkun maghmul gratwitament u fuq bazi ta' hbiberija - Art 1900.

Id-depozitarju pero' mhux responsabbli ghall-accidenti li jigru b'forza magguri. Is-serq ta' oggett depozitat jammonta ghal kaz fortuwitu meta d-depozitarju jkun ha l-prekawzjonijiet xierqa biex is-serq ma jsirx.

Id-debitur jibqa' dejjem responsabbli ghall-inadempiment ta' l-obbligazzjoni minnu assunta sakemm ma jippruvax li l-inadempiment kien dovut ghal kawza estranea, forza magguri jew kaz fortuwitu; b'mod li hu jibqa' dejjem tenut jekk l-obbligazzjoni ma gietx adempita bi htija tieghu jew ta' terzi persuni mqabbdin minnu - Vol 37 p1 p 197.

Jekk id-depozitarju jinvoka l-kaz fortuwitu bhala motiv ta' l-esenzjoni tieghu mill-hsara li ssofri l-haga depozitata, l-prova tal-kaz fortwitu hija mixhuta fuqu - Vol 37 p 1 p 440.

Skond il-principji tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias* - Vol 37 p 2 p 638.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Interess guridiku**

Ghalkemm ma inghatax eccezzjoni formali f'dan is-sens, il-konvenut, fit-trattazzjoni tieghu qajjem il-punt li l-attur m'ghandux interess guridiku billi meta gara l-incident in kwistjoni cjoe fil-21 ta' April, 1997 il-vettura ma kienitx f'isem l-attur imma f'isem Charles Pace u li l-vettura giet registrata biss f'isem Jimmy Auto Dealer fit-23 ta' Dicembru, 1997. Il-konvenut jargumenta li jekk sar xi *transfer* dana ma giex registrat u ghalhekk fil-konfront ta' terzi, l-attur ma kienx is-sid.

Id-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dika tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa " *l'utilita' finale della domanda gudiziale nel tema dell'asserita ezistenza o violazione del diritto".* Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi usufrwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (Vol LXXVI p2 p 247).

L-interess irid ikun guridiku cjoe bazat fuq xi dritt pretiz lez tal-atturi (Ara Vol 37 p3 p889; Vol LXXIV p3 p481; Mattirolo Vol 1 pag.50; Mortara Vol 11 p 588; Coen Vol 1 para 1 No.2) irid ikun dirett (meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha) u personali (fis- sens li jirrigwarda l-attur) u jrid ikun konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt ( Vol 32 p1 p540; p2 p 257). Ara wkoll sentenza ta' dina l-Qorti Citaz Nru: 1054/95GV Prokuratur Legali Albert Agius Ferrante et vs L-Avukat Dottor Anthony Cremona Barbaro et deciza fit-28 ta' Marzu, 1996). L-interess guridiku irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni (App J.Sammut vs C.Attard 17/2/1993).

Dwar dina l-kwistjoni trid issir distinzjoni bejn trasferiment ta' vettura u registrazzjoni ta' vettura. Meta ssir skrittura privata ta' bejgh wiehed jista' jghid li t-trasferiment sar. Ir-registrazzjoni imbaghad tkun tiddependi minn meta tithallas it-taxxa dovuta (ara App Aquilina vs Sammut 7/12/94).

Skond l-Art. 1347 tal-Kodici Civili l-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta' tal-haga

tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej.

Fil-kaz in ezami l-attur xehed, u ma giex kontradett, li l-karozza hija tieghu u kien tah lill-konvenut biex idurha. Hi ma kinitx licenzjata u inxurjata ghax hu bhala dealer kien qed jirranga l-karozza biex ibieghha. Inoltre meta l-konvenut lesta x-xoghol fuq il-vettura, hu mar ghand l-attur biex jithallas u kien l-attur li hallsu u hadd aktar. Meta inharqet il-karozza l-konvenut infurmaw lill-attur u lil hadd aktar.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-attur ghandu interess li jagixxi f'dina l-istanza.

**Responsabilita'**

Il-konvenut issottometta li hu ha l-prekawzjonijiet kollha possibili fic-cirkostanzi. Hu halla l-garage msakkar u l-bieb gie zgassat b'daqqa ta' vettura. In-nar inghata dolozament u l-konvenut ma kellux kontroll fuq dak li gara li kien rizultat ta' forza magguri.

Fil-kaz in ezami l-Magistrat inkwierenti f'dan il-kaz kien ikkonkluda (anke s-Surveyor ta' l-Insurance qabel) li skond l-espert nominat minnu n-nar kien gie kagjonat dolozament minn persuna jew persuni, li fethu il-bieb ta' barra billi zgassawh permezz ta' xi vettura, u wara li dahlu hemm gew, xerrdu abbundanza ta' likwidu fjammabbili, illi rizultat tal-hruq, il Jeep Suzuki, li kellha pre-accident value ta' Lm1,000, inqerdet ghall-kollox.

Jirrizulta mill-provi li l-konvenut u Albert Desira li ghandhom garages fejn xulxin, u jahdmu lil xulxin, kellhom ic-cwievet tal-garage ta' xulxin u daqqa kien jaghlaq wiehed u daqqa l-iehor skond minn jispicca l-ahhar (Dan gie konfermat mill-konvenut). Dak in-nhar Desira kien ghalaq il-garage tal-konvenut fis-saghtejn ta' fil-ghodu. Kien ghalqu bic-cwievet normali u kellu tnejn

(serraturi). Hu qal li trid iddawwar xi hames darbiet biex jaghlaq kompletament. Il-bieb kien jidher li kien gie zkussat u s-serratura kienet ghada maghluqa (Ara xhieda fol 73). Dan gie konfermat waqt l-inkjesta.

Illi l-Qorti trid tiddeciedi jekk il-konvenut “*could have avoided the circumstance and prevented the consequence*”, cjoe jekk dak li gara kienx imprevvedibbli u inevitabbli (Ara sentenza PA Borg vs Vella 31/1/03).

Fil-ligi taghna d-difiza ta’ “*force majeure*” u kaz fortwitu tinsab fl-artikolu 1029 tal-Kodici Civili li jipprovvdi li “kull hsara li tigri b’accident jew b’forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta’ disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara”.

Il-Qorti trid tara ghalhekk jekk dak l-gara kienx precedut minn xi att jew ommissjoni kolpuza da parti tal-konvenut (Ciantar vs Gatt App Inf. 15/5/1926), u jekk kienx hemm xi “*violazione di un dovere*” jew “*ommissione di diligenza*” (Micallef vs Gasan noe Kumm. 20/1/30).

Jinsab ritenut illi “s-serq ghandu jkun ekwiparat ghal kaz fortuwitu u ghalhekk ghandu jsofrieh il-proprjetarju tal-oggett misruq” (C. Bianco vs C. Ciantar Vol 32 p1 p 532 u G.Lia vs P. Endrich Vol XLI p2 p 998).

Fil-kaz in ezami minflok serq kien hemm nar li gie kagjonat dolozament u ghalhekk jista’ jigi ekwiparat mas-serq.

Fil-fehma tal-Qorti li gara kien imprevedibbili (il-konvenut ma kienx qed jistenna li ser jaharqulu l-garage) u inevitabbili (il-konvenut ha l-prekawzzjonijiet kollha rikjesti fic-cirkostanzi). Ma jirrizulta li hu naqas minn xi dover li kien impost fuqu. Hu kien halla l-karozzi ggaraxxjati u ma hallihomx barra. Inoltre ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim li l-konvenut kien intrabat li f’xi gurnata partikolari l-vettura ta’ l-attur kellha tittiehet ghand l-isprayer. Skond il-konvenut hu kien qed jistenna biex jiehu l-karozza ghand

ta’ hdejh u ma kienx qal lill-attur li kienet ghand Desira - Fol. 68.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut irnexxilu jipprova li l-hruq tal-vettura depozitata ghandu jammonta ghal kaz fortuiwtu u hu ha l-prekawzjonijiet xierqa biex l-incident ma jsirx .

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
Tichad it-talba ta’ l-attur
Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------